Australian Government

COVID-19 VACCINATION

# Tagħrif aġġornat dwar it-tnedija tal-vaċċin COVID-19

**17 ta' Ġunju 2021**

L-esperti mediċi fl-Awstralja issa qed jirrakkomandaw il-vaċċin Pfiżer COVID-19 għall-adulti ta' taħt is-60 sena. Il-parir mediku ta' qabel kien li l-vaċċin Pfizer kien ippreferut għall-adulti ta' taħt il-50 sena.

Dan il-parir aġġornat hu bbażat fuq xhieda ġdida li turi li hemm riskju ogħla minn dak li kien maħsub qabel ta' kundizzjoni rari ta' taqgħid tad-demm fil-grupp tal-età ta' bejn il-50 u l-59 sena. Din il-kundizzjoni hi magħrufa trombożi b'sindrom tat-trombo ċitopenija, jew TTS.

Il-vaċċin AstraZeneca vaccine ser jingħata lill-persuni li għalqu s-60 sena u akbar. Għall-persuni li għalqu s-60 sena u akbar, il-benefiċċji tal-vaċċinazzjoni huma akbar mir-riskji ta' TTS.

Li tkun ivvaċċinat jibqa' l-aktar mod importanti kif nevitaw mard serju jew mewt minn COVID-19. Ħafna miljuni madwar id-dinja ngħataw il-vaċċini tagħhom mingħajr periklu.

Persuni li ħadu l-ewwel doża tal-vaċċin AstraZeneca COVID-19 mingħajr l-ebda effett sekondarju serju xorta waħda għandu jirċievu t-tieni doża tagħhom. Dan jinkludu adulti ta' taħt is-60 sena.

Meta tieħu tieħu t-tieni doża din toffri l-aħjar protezzjoni li ma timradx serjament mill-COVID-19. Jekk ħadt l-ewwel doża int għandek tibbukkja għat-tieni doża tiegħek.

Il-kliniċi tal-gvern tal-vaċċinazzjoni li diġà qed jagħtu l-vaċċin Pfizer ser jibdew minnufih jaċċettaw persuni ta' bejn il-50 u 59 sena għal Pfizer.

Persuni fl-Awstralja jistgħu jserrħu rashom li l-esperti mediċi tagħna ser ikomplu jirrevedu x-xhieda u d-dejta minn hawn u minn barra. Hu rrakkomandat li kulħadd li hu eliġibbli jieħu l-vaċċinazzjoni COVID-19.

Biex tibbukkja l-vaċċinazzjoni żur **health.gov.au**

## Għal aktar tagħrif

Jekk għandek xi mistoqsija dwar l-vaċċini COVID-19, kellem lit-tabib tiegħek , jew mur fuq **www.health.gov.au/covid19-vaccines-languages**, jew ċempel lil Linja Nazzjonali Telefonika tal-Għajnuna tal-Coronavirus (National Coronavirus Helpline) fuq **1800 020 080**. Għas-servizzi tat-traduzzjoni u l-interpretar, ċempel fuq **131 450**.